**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta’ nhar il-Erbgha 16 ta’ Settembru, 2015**

**Talba Nru: 477/15 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Jakro Developments Limited**
**(C 32156)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Gunju, 2015 fejn is-socjeta’ attrici talbet illi s-scjeta’ konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u sitta u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€596.44) in konnessjoni ma’ servizzi ta’ telefonija u internet fuq 21366289 (AC40187751).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal-hlas is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjanti u ghallhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1493/14, u bl-imghaxijiet legali sa mis-17 ta’ Lulju 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Peress illi deher rapprezentant ghas-socjeta’ konvenuta fis-seduta precedent u wara hallas l-ammont ta’ mitt ewro (€100), it-Tribunal iqies illi l-konvenut huwa notifikat bil-kawza izda ma pprezentax risposta.

Illi l-ammont mitlub gie ridott permezz ta’ nota pprezentata seduta stante, u l-ammont kif redott ta’ erba’ mija sitta u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (4496.44) gie ‘kkonfermat minn Charmaine Wilfer bhala rapprezentant tas-socjeta’ attrici.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont ta’ erba’ mija sitta u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (4496.44) bl-imghax legali sa mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1493/14, ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**